

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 533/2013

tal-10 ta' Ġunju 2013

li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 dwar l-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-metil-ċiklopropin, klorotalonil, klorotoluron, ċipermetrin, daminożid, forklorfenuron, indoksakarb, tjofanat-metil u tribenuron

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(3) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE⁽¹⁾, u b'mod parikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

(4) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, rigward każijiet fejn ma titressaq ebda dokumentazzjoni supplimentari skont ir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 844/2012, mhux aktar tard minn 30 xahar qabel id-data taliskadenza rispettiva stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabbilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal ta' qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament jew fl-aktar data qrib wara.

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fdak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati⁽²⁾, tistabilixxi s-sustanzi attivi meqjusa bħala approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (2) L-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi 1-metil, ciklopropin, klorotalonil, klorotoluron, ċipermetrin, daminożid, forklorfenuron, indoksakarb, tjofanat-metil u tribenuron se jiskadu bejn it-28 ta' Frar 2016 u l-31 ta' Marzu 2016. Tressqu l-applikazzjonijiet għat-tiġid ta' dawn is-sustanzi attivi. Billi r-rekwiżi stabbiliti fir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjoni jiet-meħtieġa għall-implementazzjoni tal-proċedura ta' tiġid għas-sustanzi attivi kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽³⁾ jaapplikaw għal dawk is-sustanzi attivi, huwa neċ-ċesarju li jitħalla biżżejjed żmien biex l-applikanti jlestu l-proċedura tat-tiġid skont dak ir-Regolament. Għaldaqstant, l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi x'aktarx li se jiskadu qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġid tagħhom. Huwa għalhekk meħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tagħhom jiġi estiżi.

(5) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fir-rigward ta' każijiet fejn il-Kummissjoni se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmjija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tigħeddi minħabba li l-kriterji għall-approvazzjoni mħumiex sodisfatti, il-Kummissjoni se tistabbilixxi d-data ta' skadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament sakemm ma tigħeddi l-approvazzjoni tas-sustanza attiva, skont liema data tkun l-aktar tard.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO*

ANNESS

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata kif ġej:

- (1) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 101, klorotalonil, id-data tat-28 ta' Frar 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (2) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 102, klorotoluron, id-data tat-28 ta' Frar 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (3) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 103, ċipermetrin, id-data tat-28 ta' Frar 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (4) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 104, daminożid, id-data tat-28 ta' Frar 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (5) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 105, tjanfanat-metil, id-data tat-28 ta' Frar 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (6) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 106, tribenuron, id-data tat-28 ta' Frar 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (7) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 117, 1-metil-ċiklopropin, id-data tal-31 ta' Marzu 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (8) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 118, forklorfenuron, id-data tal-31 ta' Marzu 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
 - (9) Fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 119, indoksakarb, id-data tal-31 ta' Marzu 2016 tinbidel bid-data tal-31 ta' Ottubru 2017.
-